**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond), LL.D.**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Darryl Farr)**

**(Spettur Rodrick Attard)**

**Vs**

**Matteo-Giuseppe Fortuna Johan Tallarico**

**Kawża Nru. 5932/2025 AC**

**Illum, il-21 ta' Mejju 2025**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' **Matteo-Giuseppe, Fortuna, Johan Tallarico** ta' għoxrin (20) sena, ta' nazzjonalita' Franċiża, imwieled ġewwa Monaco, Franza, iben Domenico Tallarico u Sandra Pagie, mingħajr indirizz fiss u detentur tal-Karta tal-Identita' Franċiża bin-numru DBNL0DEA9, li kien akkużat talli nhar l-ewwel (1) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025), għall-ħabta ta' bejn it-tlieta ta' filgħodu (03:00) u l-ħamsa ta' filgħodu (05:00) u/jew fil-ħinijiet ta' qabel, ġewwa x-Xatt ta' San Ġorġ, San Ġiljan, Malta u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

1. Ikkommetta serq ta' beritta tal-għamla LA għad-detriment ta' **Seifeddine Largat**, liema serq huwa kwalifikat bil-**ħin**.

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex, f'każ ta' ħtija, barra milli tinfliġġi l-piena skont il-Liġi, meta tagħti s-sentenza jew f'kull ordni oħra wara, tikkundanna lill-ħati għall-ħlas, lir-Reġistratur, tal-ispejjeż kollha jew ta' parti mill-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, f'dak iż-żmien u f'dak l-ammont bħal ma jkun ġie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni, u dan skont kif kontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex, f'każ ta' ħtija għar-reati kollha jew uħud minnhom, minbarra li tinfliġġi l-piena skont il-Liġi, tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 15A u 28H tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u/jew ta' kull Artikolu ieħor tal-Liġi li jiżgura kumpens u/jew restituzzjoni;

Rat li l-imputat tressaq b'arrest quddiem din il-Qorti bħala l-Qorti tal-Għassa nhar id-9 ta' Mejju 2025, u l-Uffiċjali Prosekuturi l-Ispettur Darryl Farr u l-Ispettur Rodrick Attard qraw u kkonfermaw l-imputazzjoni fil-konfront tal-imputat bil-ġurament[1];

Rat illi fl-istess seduta[2] l-Prosekuzzjoni infurmat lil din il-Qorti li l-imputat ma jifhimx bl-ilsien Malti iżda jifhem bl-ilsien Franċiż, u li din il-Qorti appuntat lil Dounia Borg bħala interpretu mill-lingwa Maltija għal dik Franċiża u viċe versa;

Rat li meta sar l-eżami tal-imputat mingħajr ġurament *ai termini* tal-Artikolu 370(4), l-Artikolu 390(1) u l-Artikolu 392 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta[3], wieġeb li huwa ħati għall-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu;

---

[1] Ara l-imputazzjonijiet hekk kif maħlufa a fol 1 *et seq* tal-proċess, kif ukoll il-verbal tal-istess seduta a fol 3 *et seq* tal-proċess
[2] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 3 *et seq* tal-proċess
[3] Ara a fol 8 tal-proċess

Rat li din il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu, u wara li tagħtu żmien xieraq sabiex jikkonsulta mal-Avukat tal-fiduċja tiegħu u jekk irid, jerġa' lura minn tali ammissjoni, l-imputat għal darb' oħra kkonferma l-ammissjoni tiegħu;

Rat li din il-Qorti osservat id-dettami tal-Artikolu 392A(1) u l-Artikolu 392A(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u fid-dawl tal-ammissjoni libera u inkondizzjonata tiegħu, u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li kkonsulta mal-Avukat tal-fiduċja tiegħu, kien biss f'dan l-istadju li din il-Qorti ħadet konjizzjoni tal-ammissjoni tiegħu;

Għalhekk, wara li din il-Qorti rat l-Artikolu 392A(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tiddikjara li ma hemmx raġuni tajba sabiex tiddubita li l-imputat huwa ħati minkejja li huwa ddikjara l-ammissjoni tiegħu, u tqis li l-imputazzjoni sopraċitata kienet sodisfaċentement ippruvata;

Rat id-dokumenti esebiti fl-atti proċesswali, senjatament is-segwenti:

1. Envelope abjad li fih il-Karta tal-Identita' Franċiża tal-imputat[4];
2. Rapport tal-NPS bir-referenza 8/POL/2872/2025[5];
3. Il-Fedina Penali tal-imputat hekk kif aġġornata nhar it-8 ta' Mejju 2025[6];
4. Karta tal-Identita' oħra tal-imputat[7];
5. Kopja tal-Karta tal-Identita' tal-imputat (immarkata bħala Dok DF4)[8];

[4] Ara Dok DF1 a fol 9 tal-proċess
[5] Ara Dok DF2 a fol 10 *et seq* tal-proċess
[6] Ara Dok DF3 a fol 15 tal-proċess
[7] Ara Dok DF4 a fol 16 tal-proċess
[8] Ara Dok DF5 a fol 17 tal-proċess

6. CD li fiha l-Stqarrija Awdjo-Viżiva tal-imputat[9].

Rat li waqt is-seduta tad-9 ta' Mejju 2025[10], il-Prosekuzzjoni ddikjarat li r-*res furtiva* kienet ritornata lill-Pulizija;

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet dwar il-piena fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2025;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat li din il-kawża kienet differita għal-lum għas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat nhar l-ewwel (1) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025), għall-ħabta ta' bejn it-tlieta ta' filgħodu (03:00) u l-ħamsa ta' filgħodu (05:00) u/jew fil-ħinijiet ta' qabel, ġewwa x-Xatt ta' San Ġorġ, San Ġiljan, Malta u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

1. Ikkommetta serq ta' beritta tal-għamla LA għad-detriment ta' **Seifeddine Largat**, liema serq huwa kwalifikat bil-**ħin**.

Li minn kif intqal aktar 'il fuq, l-imputat irreġistra l-ammissjoni tiegħu għal din l-imputazzjoni, u wara li din il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu, u wara li tagħtu żmien xieraq sabiex jikkonsulta mal-Avukat tal-fiduċja tiegħu u jekk irid, jerġa' lura minn tali ammissjoni, l-imputat għal darb' oħra kkonferma l-ammissjoni tiegħu;

Fil-kalibrar tal-piena li għandha tkun erogata, din il-Qorti ħadet is-segwenti fatturi in konsiderazzjoni:

[9] Ara Dok DF6 a fol 18 tal-proċess
[10] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 3 *et seq* tal-proċess

1. Li l-imputat irreġistra l-ammissjoni tiegħu fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proċeduri, li għalhekk jirrinkwadra ruħu f'dak argumentat mill-Qrati tagħna u dawk internazzjonali dwar tnaqqis fil-piena għal ammissjonijiet li jsiru fi stadju bikri tal-proċeduri[11], li jfisser li l-Qorti tkun frankat il-ħin, ir-riżorsi u l-ispejjeż neċessarji sabiex tindaga dwar il-mertu tal-imputazzjonijiet odjerni, u l-amministazzjoni tal-ġustizzja. Fil-każ odjern, jirriżulta li l-imputat irreġistra l-ammissjoni tiegħu fl-istadju tal-preżentata;

2. In-natura tal-imputazzjoni addebitata lill-imputat, u ċioe' serq aggravat bil-ħin, u l-portata ta' din l-imputazzjoni;

3. Dak dikjarat mill-partijiet waqt it-trattazzjoni tagħhom waqt is-seduta tad-9 ta' Mejju 2025, u dak imsemmi mill-Prosekuzzjoni li l-imputat ikkoopera mal-Pulizija u d-dikjarazzjoni tagħha li r-*res furtiva* kienet ritornata għand il-Pulizija, kif ukoll il-piena proposta minnhom ta' sentenza sospiża fil-konfront tal-imputat.

Tenut kont dawn il-fatturi kollha, din il-Qorti tibda biex tosserva li filwaqt li m'hijiex marbuta bl-ebda mod li teroga piena maqbula bejn il-partijiet, hija wkoll tal-fehma li piena karċerarja fil-konfront tal-imputat ma tkunx waħda idoneja fil-konfront tiegħu, u dan in vista tal-fatt li kif dikjarat mill-Prosekuzzjoni, r-*res furtiva* kienet ritornata lill-Pulizija u l-koperazzjoni tiegħu mal-istess Pulizija, kif ukoll il-Fedina Penali netta tal-imputat, liema fatturi t-tnejn jikkontribwixxu għal tnaqqis fil-piena. Għaldaqstant, filwaqt li din il-Qorti ma tistax tinjora l-portata tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-imputat, u ċioe' serq aggravat bil-ħin, ikun aktar idoneju li teroga piena ta' sentenza sospiża minflok waħda ta' priġunerija effettiva.

---

[11] Ara f'dan is-sens **Ir-Repubblika ta' Malta v. Nicholas Azzopardi**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-24 ta' Frar 1997; **Il-Pulizija v. Emmanuel Testa**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-17 ta' Lulju 2002, kif ukoll Appell Nru. 414/2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Rosita Zammit**, deċiż mill-Onor. Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera nhar it-13 ta' Settembru 2024; Att t'Akkuża Nru. 3/2018/2 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rosario Militello**, deċiża fis-26 ta' Ġunju 2024 mill-Qorti Kriminali presjeduta mill-Onor. Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera; Kawża Nru. 20/2023 fl-ismijiet **The Police v. Mohamed Salim Saaou El Kaddouri**, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali presjeduta mill-Maġistrat Dr. Elaine Rizzo nhar is-06 ta' Mejju 2024

**<u>Decide:</u>**

Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 261(f), l-Artikolu 270, u l-Artikolu 281(a) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, **<u>qiegħda, fuq ammissjoni libera u inkondizzjonata tiegħu, issib lill-imputat Matteo-Giuseppe Fortuna Johan Tallarico ħati tal-imputazzjonijiet kollha kif dedotti fil-konfront tiegħu,</u>** pero' *stante* li l-Qorti hija tal-fehma li jissussistu ċ-ċirkostanzi sabiex tingħata sentenza sospiża, qiegħda tikkundanna lill-imputat, issa l-ħati **Matteo-Giuseppe Fortuna Johan Tallarico** għall-piena ta' tnax (12)-il xahar priġunerija, **<u>li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tkun sospiża għal perjodu ta' erbgħa u għoxrin (24) xahar mid-data ta' din is-sentenza;</u>**

Din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fissret lill-imputat, issa l-ħati **Matteo-Giuseppe Fortuna Johan Tallarico,** bi kliem ċar u sempliċi l-portata ta' din is-sentenza, inkluż ir-responsabbilta' tiegħu *ai termini* tal-Artikolu 28B(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta f'każ li jonqos milli jaderixxi mal-kundizzjonijiet imposti minn din il-Qorti, u ċioe' li f'każ li jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija, il-perjodu operattiv ma jibqax fis-seħħ, u l-piena ta' priġunerija ta' tnax (12)-il xahar imsemmija aktar 'il fuq issir waħda ta' priġunerija effettiva;

Din il-Qorti, wara li rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, tħaddem kontra l-ħati **Matteo-Giuseppe Fortuna Johan Tallarico** il-provvedimenti tal-Artikolu 15A u l-Artikolu 28H tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u/jew kwalunkwe Artikolu ieħor tal-Liġi sabiex tiżgura kumpens u/jew restituzzjoni tad-danni sofferti, din il-Qorti qiegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' din it-talba *stante* li l-ammont f'danni sofferti ma kienux kwantifikati, u kif dikjarat mill-Prosekuzzjoni fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2025[12], r-*res furtiva* kienet ritornata lill-Pulizija;

Din il-Qorti, wara li rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, tħaddem kontra l-ħati **Matteo-Giuseppe Fortuna Johan Tallarico** l-provvedimenti tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tiddikjara li m'hijiex f'pożizzjoni sabiex tieħu konjizzjoni

[12] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 3 *et seq* tal-proċess

ulterjuri ta' din it-talba *stante* li ma kien inkarigat l-ebda espert fil-perkors ta' dawn il-proċeduri;

Il-Qorti tordna li a tenur tal-Artikolu 392A(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kopja skenjata tal-atti proċesswali flimkien ma' din is-sentenza tkun ikkomunikata lill-Avukat Ġenerali, u dan fiż-żmien stipulat fil-Liġi.

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond), LL.D.**